**MALTA**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

***(Rapport Uffiċjali u Rivedut)***

**L-GĦAXAR PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 28**

**It-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2005**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**Malta**

**Prezz Lm1**

**L-GĦAXAR PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

**Laqgħa Nru. 28**

**It-Tlieta, 8 ta’ Marzu, 2005**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-6.45 p.m.**

**Talba**

## MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 li saret fit-7 ta' Marzu, 2005 ġew konfermati.*

## IL-BIOTEKNOLOĠIJA F'MALTA U D-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM (KONTINWAZZJONI)

*Il-Kumitat irriżuma mis-7 ta' Marzu, 2005 id-diskussjoni fuq dan is-suġġett.*

**THE CHAIRMAN**: Illum se nerġgħu nkomplu bid-diskussjoni dwar il-bioteknoloġija u d-drittijiet tal-bniedem u se jkollna preżentazzjoni minn Dr Ruth Farrugia u oħra minn Ms Maryanne Muscat Azzopardi. Għalhekk mill-ewwel nistieden lil Dr Ruth Farrugia tingħaqad magħna biex permezz tal-preżentazzjoni li se tagħmlilna tagħtina l-veduti tagħha dwar dan is-suġġett.

**DR. RUTH FARRUGIA:** Nirringrazzja lilek, Sur President, u lill-membri kollha tal-Kumitat talli għoġobkom tistidnuni biex nieħu sehem fid-diskussjoni dwar il-bioteknoloġija f'Malta u d-drittijiet tal-bniedem.

Għal min ma jafnix, jien ili avukat għal dawn l-aħħar 20 sena u jiena responsabbli għat-tagħlim dwar il-Liġi tal-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal fil-fakulta' tal-liġi, prinċipalment ma' studenti tal-liġi pero' wkoll ma' studenti f'fakultajiet u istituti oħrajn. Ngħallem ukoll is-suġġett tad-Drittijiet tat-Tfal u *Gender and the Law fi ħdan il-Masters Programme in Human Rights and Democratisation*. Fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem kelli l-opportunita` nistudja l-universita' ta' Strasbourg bħala *fellow* fi ħdan il-*UN Human Rights Fellowship Programme,* u M.Phil. li għandi hija fid-drittijiet tat-tfal. Għalhekk jiena nista' nitkellem biss dwar il-liġi tal-familja u d-drittijiet tat-tfal.

Bħalma nafu l-effetti ta' żviluppi fil-qasam mediku qed ikollhom impatt qawwi fuq il-liġi tal-familja u d-drittijiet fundamentali tal-bnedmin kollha u l-membri kollha tal-familja. Qabel xejn nixtieq niċċara x'nifhem jien bit-terminoloġija "bioteknoloġija". Għalija dan huwa kamp wiesa' ħafna u jikkomprendi d-donazzjoni, bejgħ u l-użu tal-ġisem uman u partijiet minnu, is-suġġett ta' prokreazzjoni medikament assistita, id-dijanjosi qabel it-twelid, is-*surrogacy*, ir-rispett tal-ġisem uman, eċċ. Donnu li minn dak li smajt s'issa f'dan il-kumitat l-enfasi qed jingħata lis-suġġett ta' prokreazzjoni medikament assistita.

**THE CHAIRMAN**: Mhux intenzjonalment

**DR. RUTH FARRUGIA**: Imma s'issa donnu hekk qed jiġri. Irrid ngħid ukoll li r-relazzjoni bejn il-bioetika u l-liġi hija pjuttost ġdida ħafna. F'dawn l-aħħar 20 sena l-komunita` internazzjonali ħarġet regolamentazzjoni ċara u hemm numru ta' pajjiżi individwali li jabbozzaw liġijiet skond l-etika soċjali tagħhom. Malta forsi tispikka bin-nuqqas ta' impenn legali f'dan il-kamp. Bħalissa nistgħu biss nitkellmu b'ċertezza legali dwar x'inhu jsir barra minn xtutna. Jiena għamilt *survey* żgħir ta' l-aħħar artikli dwar pajjiżi - jien se nħalli dan id-dokument li qed naqra minnu hawnhekk bir-*references* kollha li hawn – pero` mhux se nidħol fihom għaliex inkella ma nispiċċaw qatt. X'għandu jsir Malta bħala riżultat ta' din ir-riċerka ċertament jinfluwenza dak li jiġi suġġerit fl-abbozzar tal-liġi, iżda l-qagħda partikolari ta' pajjiżna trid tiġi konsidrata wkoll, mhux biss mil-lat ta' kultura legali iżda wkoll mil-lat ta' l-iżviluppi u l-aspettattiva tagħna fil-qasam tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

F'qasam bħal dan jien personalment nippreferi liġi li tagħti doveri ċari fuq skala wiesgħa, u mhux sensiela ta' doveri dettaljati li jistgħu jkunu diffiċli ħafna biex wieħed jara li qed jiġu osservati. Tkun xi tkun id-direzzjoni tal-leġislatur, liġi tajba tiswa biss daqs l-aħjar għassa li ssir tagħha u l-kuxjenza soċjali li tappoġaha. F'każ li m'hemmx il-ħsieb jew il-mezzi biex jiġi assigurat li ċerti proċeduri ma jsirux, aħjar jiġi kkonsidrat serjament l-iskop ta' leġislazzjoni bħal din.

Issa mill-ewwel irid ngħid li ma rridx niġi interpretata fis-sens li qed ngħid aħjar ma jkollna liġi xejn. In-nuqqas totali ta' strutturi legali jġib sitwazzjoni kaotika fejn mingħajr regoli ġuridiċi kollox huwa permess. Għalkemm l-istat għandu dejjem joqgħod lura milli jindaħal fil-ħajja privata taċ-ċittadin, għandu pero` dover li jara li l-prinċipji fundamentali tas-soċjeta` jitfasslu skond politika ċara u jiġu mħarsa. F'dan l-isfond, irid jiġi deċiż x'importanza tingħata lill-istituzzjoni taż-żwieġ, x'tifsira għandha l-kelma ''familja'' u l-istat safejn hu lest li jasal biex jipproteġi lil min hu vulnerabbli.

Qabel ma tittieħed pożizzjoni dwar dawn il-tliet principji jidhirli li hemm ċerti mistoqsijiet, pjuttost skomdi, li jridu jiġu indirizzati. L-ewwel mistoqsija hija din: X'hija x'inhi l-ħajja, jew meta tibda? Il-liġi Maltija ma titkellem xejn fuq dan. Ir-referenzi għad-dritt għall-ħajja fil-Kostituzzjoni ma tagħmilx aċċenn għall-meta tibda l-ħajja iżda titkellem dwar privazzjoni mill-ħajja u ssemmi ċ-ċirkostanzi (Art 33). L-istess jekk inħarsu lejn id-dispożizzjoni tad-dritt kriminali fejn min jikkawża korriment jeħel bejn 18-il xahar sa 3 snin ħabs (Art 241), waqt li dannu serju fuq l-omm li jikkawża li titlef it-tarbija fil-ġuf iġib miegħu penali ta' bejn 9 xhur sa 9 snin ħabs (Art 218). Min jikkawża l-mewt ta' mara meta jkun qed iġib korriment u joqtol lil mara titqies li kkommetta omiċidju. (Art 242) Dan juri biċ-ċar kif l-istatus legali ta' *embryo* huwa inferjuri għal dak ta' persuna li qed jgħix indipendentement. Huwa biss fil-każ ta' persuni li jgħixu li l-liġi tikkontempla l-omiċidju.

Minkejja li diversi liġijiet internazzjonali jagħtu protezzjoni għat-tarbija għad mhux imwielda m'hemm l-ebda dikjarazzjoni dwar dritt assolut għall-ħajja. Pajjiżi ċivilisti, bħalna, jaqblu li sa minn qabel ma titwieled tarbija għandha dritt għal sehem mill-wirt u għandha dritt tiġi rikonoxxuta mill-missier waqt li għadha fil-ġuf.

Anke l-*Oviedo Convention,* dwar *Human Rights and Biomedicine*, toqgħod attenta li ma tagħtix definizzjoni tal-kelma "kulħadd*"* u fir-rapport spjegattiv ta' din il-konvenzjoni jingħad li fin-nuqqas ta' *consensus* dwar dan is-suġġett l-istati membri jiddeċiedu, skond il-liġi domestika tagħhom. L-istess fl-*additional protocols* tal-*cloning* (*Prohibition of cloning human beings*) u tar-riċerka (*biomedical research*), dawn ma jagħtux definizzjoni ta' "*human being"*. Wieħed irid jistenna sakemm il-qorti tiġi mitluba (taħt Art 29 tal-*Oviedo Convention*) tagħti parir (*advisory opinion*) dwar l-interpretazzjoni ta' l-istess konvenzjoni.

Skond il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, li Malta rratifikat fl-1990, id-definizzjoni ta' tifel/*child* hija li dan huwa *essere uman* taħt it-18-il sena - *a child means every human being below the age of 18 years* - iżda l-preambolu jsostni li l-minuri minħabba l-immaturita` fiżika u mentali tiegħu jeħtieġ protezzjoni u kura speċjali, inkluża protezzjoni legali, addattata kemm qabel kif ukoll wara t-twelid. S'intendi preambolu m'għadnux forza ta' liġi. L-*Oviedo Convention* ukoll tuża l-kliem "*essere uman"* u tirrikonoxxi li d-dinjita` u identita` għandha tiġi rispettata sa mill-bidu tal-ħajja.

F'waħda mill-aħħar kawżi - *Vo versus France* 8.07.2004 - f'din il-materja quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani ġie deċiż li abort involontarju ma jikkostitwix qtil, u dan l-iktar għaliex fetu ta' 20 ġimgħa ma jitqiesx bħala *essere uman*.

Fil-kuntest Malti f'kawża li nqatgħet fl-2000 - Emilio Persiano *versus* Kummissarju tal-Pulizija 24.08.2000, dwar protezzjoni ta' tarbija fil-ġuf, il-qorti ddeċidiet li ma tistax tikkrea liġi dwar materja li l-leġislatur għadu ma ddefinix. Jiġifieri l-importanza ta' definizzjoni hija vera qawwija. Minn dakinhar 'l hawn ġiet fis-seħħ leġislazzjoni li twaqqaf l-Uffiċċju tal-Kumissarju għat-Tfal (Kap 462) u fost id-doveri li għandha hemm ir-responsabbilta` li tippromwovi l-ogħla *standards* ta' saħħa u servizzi soċjali għan-

nisa waqt it-tqala u tippromwovi kura u protezzjoni speċjali inkluż protezzjoni legali għat-tfal kemm qabel kif ukoll wara it-twelid.

Fil-kamp tal-prokreazzjoni assistita jidher ċar li hemm dibattitu mqanqal dwar meta tibda l-ħajja. Ladarba jiġi stabbilit meta tibda l-ħajja jibdew japplikaw drittijiet. Jien segwejt uħud mid-diskussjoni interessanti ħafna quddiem dan il-kumitat u ma ngħir xejn għalikom li tridu tieħu din id-deċiżjoni. Għalija pero` din hija materja primarjament medika u wieħed irid joqgħod fl-ispeċjalisti f'dan il-qasam sabiex jiġi stabbilit il-mument tal-ħajja. Ladarba din tiġi stabbilita, il-liġi tidħol biex tipproteġi d-drittijiet li jkunu awtomatikament mogħtija lil dik il-persuna. Fl-opinjoni tiegħi deċiżjoni trid tittieħed żgur għax inkella nkomplu nimxu fl-għama.

It-tieni mistoqsija li trid tiġi indirizzata hija x'inhi l-familja u jekk jeżistix id-dritt li titwaqqaf familja. Hemm *issue* dwar id-definizzjoni ta' "familja" li jidher biċ-ċar li m'għadhiex faċilment definibbli bħala r-raġel u l-mara miżżewġin lil xulxin u t-tfal tagħhom. Id-diffikulta` kbira biex tinstab definizzjoni aċċettabbli għal kulħadd hija evidenti mir-reluttanza ta' bosta pajjiżi li jagħżlu li ma jagħtux definizzjoni jew jagħtu definizzjoni wiesgħa ħafna. Hawnhekk naċċenna għall-aħħar *session* tal-*cabinet* ta' *civil and political rights* li jerġa' jagħmel aċċenn għall-fatt li pajjiżi differenti jagħtu definizzjonijiet differenti jew ma jagħtu xejn, imma dejjem joqogħdu fuq *domestic legislation*. F'numru ta' pajjiżi ġirien tagħna koppji mhux miżżewġa u koppji ta' persuni ta' l-istess sess ukoll meqjusa bħala familja bid-drittijiet u l-obbligi kollha li din id-definizzjoni ġġib magħha, inkluż id-dritt li tifforma jew twaqqaf familja. Il-Kostituzzjoni ta' Malta ma tgħid xejn dwar dan il-punt, iżda toqgħod fuq il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani permezz ta' l-Att XIV ta' l-1987.

Artiklu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani jgħid:

> *"Men and women of marriageable age have the right to marry and to found a family, according to the national laws governing the excerise of this right."*.

Forsi ta' min jara x'inhuma dawn il-liġijiet nazzjonali tagħna li ssir referenza għalihom.

Il-Kostituzzjoni għall-Ewropa fit-tieni parti dwar id-drittijiet fundamentali tgħid li d-dritt li tiżżewweġ u d-dritt li twaqqaf familja huma garantiti skond il-liġi nazzjonali li jirregolaw dawn id-drittijiet. *The right to mary and the right to found a family shall be guaranteed in accordance with the national laws governing the exercise of these rights*. Jidher ċar li dan l-artiklu huwa bbażat fuq artiklu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani li għadni kemm semmejt, iżda tneħħew il-kliem "raġel u mara". Tkompli pero` l-enfasi taż-żwieġ.

Ġieli jingħad ukoll li d-dritt li tiżżewweġ u d-dritt li twaqqaf familja m'humiex neċessarjament konessi ma' xulxin u jistgħu jitqiesu bħala żewġ drittijiet indipendenti minn xulxin. Id-dritt għaż-żwieġ huwa dokumentat tajjeb ħafna tant li fil-każ ta' Rees *versus* UK il-Qorti Ewropea ddeċidiet li l-artiklu 12 huwa "*mainly concerned to protect marriage as the basis of the family*". Il-qorti sabet li l-istabbilita` fiż-żwieġ huwa għan leġittimu li ssir fl-interess pubbliku u allura d-dritt li twaqqaf familja huwa assoluta u l-istat m'għandux jindaħal. Dan iżda ma jfissirx li persuna għandha tingħata kull opportunita` u possibilita` li tipprokrea. L-istat m'għandux dover assolut li jgħin persuna biex twaqqaf familja. Pero` hemm min jgħid imbagħad li tista' tisfida deċiżjoni tal-kummissjoni u allura dan għandu implikazzjonijiet serji ħafna fuq jekk għandekx dritt ta' trattament mediku għall-fertilita`. Għandu wkoll implikazzjonijiet fuq it-tip ta' deċiżjoni li se tieħdu intom, fil-kontest ta' għajnuna għal kull min jagħżel li jeżerċita d-dritt li jwaqqaf familja. Jien nistaqsi: Jista' jiġi interpretat ukoll li allura dawn in-nies għandhom dritt jinkludu spejjez

li koppji Maltin jagħmlu biex jadottaw trabi minn barra, ladarba qed isir fl-isfond tat-twaqqif ta' familja?

Meta nitkellmu dwar trattament ta' infertilita` għandha nagħmlu distinzjoni bejn drittijiet sostantivi u drittijiet proċedurali. Nies li ma jistax ikollom tfal ta' xejn jippretendu li jirriproduċu – ma tistax tagħtihielhom - iżda jistgħu jgħidu li għandhom d-dritt li jirċievu trattament xierqa għall-kondizzjoni tagħhom. Din id-distinzjoni tintuża ħafna biex issaħħaħ l-argument li persuni infertili jkollhom dritt għal parti mill-*budget* tad-dipartiment tas-saħħa.

Ta' min isemmi wkoll problema konnessa ma' l-adozzjoni u l-kriterji konnessi magħha. Il-kriterji għall-adozzjoni huma stretti u minħabba n-nuqqas ta' tfal li jingħataw għall-adozzjoni nurmu ta' koppji li ma jirnexxielhom jadottaw jitolbu trattament għall-infertilita`. Fejn koppja ma tikkwalifikax biex tadotta tista' titlob trattament għall-infertilita` – donnu hemm *double standard*. Konċepiment naturali, investigazzjoni dwar infertilita`, konċepiment assistit u l-adozzjoni kollha donnu għandhom kriterji differenti.

Mhux ta' min jiddeċiedi malajr ħafna għax ir-riperkussjonijiet ta' nuqqas ta' tfal huma serji ħafna. Apparti li jġibu uġigħ kbir ta' qalb u problemi psikoloġiċi u fiżiċi, hemm problemi legali wkoll. Meta wieħed mill-miżżewġin huwa impotenti, anke jekk din l-impotenza hija assoluta jew relattiva, biss meta tali impotenza kienet hemm qabel iż-żwieġ, dan jista` jagħti lok għall-annullament. (Artiklu 19 ta' l-Att taż-Żwieġ) Jiġifieri jisfaxxa ż-żwieġ minħabba l-kawża ta' l-infertilita`.

L-artiklu 8 (2) jirreferi għad-dritt li ma jkunx hemm indħil fil-ħajja privata u dan ukoll jiġi kwotat bħala bażi li fuqha persuni jistgħu jitolbu li jagħmlu dawk l-interventi li jixtiequ jew jidhrilhom li jeħtieġu. Din għandha importanza speċjali meta nħarsu lejn wieħed mis-suġġetti l-iżjed topiċi tal-mument fil-kamp legali li huwa r-*reproductive tourism*, jiġifieri t-*trend* li n-nies li ma jsibux teknika meħtieġa għall-bżonnijiet personali f'pajjiżhom jivvjaġġaw x'imkien ieħor biex jinqdew. Ir-raġunijiet għan-nuqqas jistgħu jkunu jew li ma ntlaħqux l-iżviluppi xjentifiċi lokalment jew m'humiex legalment aċċettabbli jew ekonomikament jaqblilhom isiefru.

Il-konsegwenzi li nies jitwaqqfu milli jsiefru biex jiggwadanjaw minn servizzi li jidhrilhom huma meħtieġa jitqiesu bħala tneħħija ta' drittijiet fundamentali. Il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem diġa` ddeċidiet, f'każ kontra l-Irlanda dwar l-abort, li l-impediment tas-safar mhux permess. Fl-1990 l-Ġermanja kellha l-*policy* li tagħmel testijiet fuq nisa li jsiefru u li kienu suspettati li ħarġu barra mill-pajjiż għal skopijiet ta' tekniċi riproduttivi u l-ECHR qatgħetha li dan mhux aġir legali u fl-1991 l-awtoritajiet kellhom jippermettu passaġġ liberu.

Hemm ferm iżjed xi tgħid dwar dan is-suġġett. Hemm il-kwestjoni tal-projbizzjoni ta' trattament inuman u degradenti (Artiklu 3 ECHR) jistax jiġi applikat għall-proċess innifsu ta' IVF, fis-sens li jneħħi d-dinjita` tal-persuna li għandha titwieled, anke f'kontest ta' *gene therapy* aħseb u ara fil-każ ta' esperimentazzjoni. (Qed inħallikom lista tal-*websites* u artikoli li qed nagħmel referenza għalihom sabiex min jixtieq iżjed tagħrif jkun jista' jaqra iżjed fil-fond.)

It-tielet mistoqsija li wieħed irid jirrispondi hija min huma l-ġenituri u ċioe` min hi l-omm u min hu l-missier u forsi ta' min iħares malajr min hu ġenitur. Hemm erba` tipi ta' ġeniturli huma :-

> Il-persuna li tagħti donazzjoni ta' *gamete* li titqies bħala ġenitur ġenetiku. Iżda dan ifisser li awtomatikament jakkwista d-dritttijiet u d-doveri ta' *patria potestas*? Hemm kittieba li jargumentaw li jekk drittijiet ta' ġenitur jiġu mogħtija mill-għotja ta' materjal ġenetiku nkunu qed nirriduċu relazzjoni bejn ġenitur u

minuri għall-bażi ta' *ownership*. Dan sar ukoll fl-isfond ta' numru ta' każijiet dwar l-adozzjoni fejn il-missier ġenetiku ġieli ngħatawlu drittijiet proprjament minħabba l-fatt li għandhu rabta ġenetiku. Hawn Malta kien hemm każ ta' Ronald Apap kontra Ruby Ritchie fejn il-Qroti ta' l-Appell ddeċidiet favur il-missier ġenetiku minħabba li d-demm jiġbed;

Il-persuna li tiġġestixxi t-tarbija għandha d-drittijiet skond il-liġi bħala l-persna awtomatikament meqjusa bħala l-omm u r-raġel tagħha awtomatikament meqjus bħala l-missier. Jingħad li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li t-tarbija titqies il-wild ta' l-omm li welditha l-iżjed għaliex importanti li mat-twelid dejjem ikun hemm mill-inqas persuna waħda li għandha responsabbilta` diretta għal dik it-tarbija. Sintendi hemm ukoll konsiderazzjonijiet oħra bħalma hi r-relazzjoni speċjali bejn l-omm li tiġġestixxi t-tarbija u l-proċess emozzjonali u emotiv li ssoltu jiżviluppa bejn l-omm u t-tarbija, iżda dawn mhux neċessarjament għandhom jitqiesu li jagħtu xi dritt legali;

imbagħad it-teoristi jħarsu lejn tip ta' ġenitur ieħor skond l-intenzjoni li jkollu. Dan l-argument jintuża ħafna meta jken hemm każ ta' donazzjoni ta' *sperm* jew *ovum* sabiex isaħħaħ l-argument li l-persuna bl-intenzjoni li jkun ġenitur hija biss dik li għandha titqies bħala ġenitur. Iżda din l-idea għandha għandha problemi ovvji għax kif tista' tgħid li hemm relazzjoni bejn tfal u ġenituri bbażata fuq għażla, jew kif tispjega dawn il-każijiet fejn tqala tiġi mingħajr ppjannar?; u

l-aħħar tip ta' ġenitur huwa dak li jixtieq iġib it-tfal u jieħu l-passi meħtieġa biex iġibhom.

Iżda li tkun ġenitur tfisser li jkollok doveri legali bħalma huma d-dover li tmanti u trabbi t-tfal u tagħti isem u identita', li tħallih jirtek, eċċ.

Hawn min jargumenta li l-aħjar li l-identita` ta' donatur, fejn hemm donazzjoni, aħjar tibqa' mistura. Jgħidu li mhux fl-aħjar interess ta' wild li jkun jaf l-identita` ta' ġenitur bioloġiku għax jista' jkun jsib persuna differenti għal kollox minn dak li ħolom biha. Jien għandi problema b'dan l-argument għax l-argument kuntrarju jsostni li t-tfal dejjem għandu jkollhom id-dritt li jiskopru l-identita` tagħhom. Fl-adozzjoni, per eżempju, meta l-identita` tal-ġenituri bioloġici tkun mistura dejjem tista' ssiru riċerka dwar il-parentela meta l-adottant jagħlaq it-18-il sena.

Jien bħala ċivilista nħoss li d-dinja legali nbidlet ta' taħt fuq. Wieħed mill-iktar prinċipji basiċi fil-liġi kien *mater semper certa est*, dejjem taf min hi l-omm, iżda dan m'għadux japplika. Fejn dejjem seta' kien hemm dubju dwar il-parentela min-naħa tal-missier u l-liġi tipprovdi presunzjoni li r-raġel tal-mara huwa l-missier qatt ma kien hemm dubju dwar min kienet l-omm għaliex min welled awtomatikamnet meqjusa l-omm. Illum il-mara li twelled mhux neċessarjment l-omm u r-raġel ta' l-omm mhux neċessarjament il-missier. Dan iġġib ħafna konsegwenzi għall-minuri.

Ir-raba' mistoqsija hija dwar meta jibdew id-drittijiet tat-tfal, fiex jikkonsistu dawn id-drittijiet tat-tfal u min jirrappreżenta lit-tfal. It-tfal ma jitolbux li jitwieldu. Min jieħu sehem fil-proċess ta' konċepiment u t-twelid għandu jkollu doveri ċari u serji lejn it-tfal li jġib fid-dinja. Jien ltqajt u nkompli niltaqa` ma' tfal li twieldu minn ġenituri li ma ppjanawx il-miġja tagħhom. Niltaqa` ma' tfal li sabu xortihom ma' ġenituri alternattivi iżda għandi ukoll kuntatt ta' numru ta' tfal li ħadd ma jidħol għalihom, ħadd ma jieħu interess fihom jew jixtiqilhom il-ġid li jistħoqqilhom bħallikieku kienu l-wild naturali tagħhom.

Huwa fatt li ma jeżistix proċess legali li bih jista' jiġi stabbilit fiex jikkonsisti ġenitur perfett. Iżda l-liġi turina biċ-ċar x'inhuma l-inqas kwalitajiet li jista' jkollu ġenitur idoneu - *fit parent* bl-Ingliż. It-tfal għandhom dritt għall-manteniment li jinkludi, ikel, ilbies, attenzjoni għas-saħħa, akkomodazzjoni u edukazzjoni u dritt iżjed efemeru li jilħaq l-inklinazzjonijiet u l-aspirazzjoni tagħhom. F'każ li ġenitur ma jeħux ħsieb it-tfal tiegħu u jonqos milli jipprovdi kura skond il-liġi, allura jitneħħielu d-dritt ta' ġenitur – tal-*patria potestas*.

L-aħjar interess tal-minuri huwa l-qofol ta' dan kollu. Fil-*Human Fertilisation and Embryology Act* Ingliża ta' l-1990 jingħad li -

> "*A woman should not be provided with infertily services unless account has been taken of the welfare of any child who may be born as result of the treatment, or of any other child who might be affected as a result of the birth.*".

Fil-konkret dan xi jfisser? Huwa kontra l-interess tal-minuri li jitwieled go familja b'ġenitur wieħed jew f'relazzjoni lesbjana? Jew li jitwieled lil mara bi storja twila ta' prostituzzjoni? Jew mara kellha xi tifel mqiegħed taħt ordni tal-ħarsien għaxar snin ilu u issa għandha problema ta' infertilita`, din se tipprekludiha milli tirċievi trattament għax ma jitqiesx li hu fl-aħjar interess tal-minuri?

Deċiżjonijiet dwar xi jfisser dan il-prinċipju qegħdin fir-responsabbilta` tat-*team* li jiddeċiedi jagħmilx it-trattament. It-tabib jiġi mitlub jagħmel *assessment* dwar l-idonejita` tal-pazjent tiegħu fil-konfront ta' persuna li għad ma teżistix u li jista' jkun qatt ma teżisti. Il-mistoqsija għalhekk hi jekk għandux ikun tabib waħdu li jagħmel dan il-proċess għaliex normalment tabib jagħmel *assessment* tiegħu fuq bażi kliniċi. Iżda dan il-prinċipju jitlob minnu gudizzju dwar jekk il-pazjenti humiex se jkunu ġenituri tajbin, u dan fl-aħjar interess tal-minuri.

Fl-adozzjoni hemm regoli dwar idonejita`. Għalhekk tabib jintalab li jagħti rakkmandazzjoni f'każ ta' adozzjoni dwar il-qagħda fiżika u mentali tal-ġenituri prospettivi, pero' ma jidħolx fi *suitability* tal-*parenthood*. Donnu li ladarba l-minuri titwieled l-leġislatur m'għandu l-ebda problema jitkellem dwar id-drittijiet tat-tfal. Diffiċli għalhekk li wieħed jifhem ir-raġunament li jwassal lil-leġislatur li jiskolpa l-ġenitur li jieħu passi biex iġib fid-dinja tfal li qatt ma jista' jipprovdi għalihom jew li jikkawzalhom dannu sa minn qabel ma jitwieldu. Qed naħseb f'każijiet ta' abbuż minn sostanzi li jikkawżaw żvilupp ritardat jew nuqqasijiet serji fis-saħħa tat-tfal bħal per eżempju, abbuż mill-alkoħol, droga, u anke sigaretti.

L-identita` legali tat-tfal hija parti integrali mill-identita` psikoloġika u l-kuntentizza u l-*well-being* tagħhom. Nispera li m'hemmx xi ħsieb li tingħata l-*option,* kif hemm f'xi pajjiżi, fejn tifel jista' jispiċċa b'xi żewġ missirijiet u żewġ ommijiet fuq l-istess ċertifikat tat-twelid tiegħu - l-omm li kkontribwiet l-*ovum* u l-omm li welditu jew li se tieħu ħsiebu u l-missier li ta l-isperm tiegħu u l-missier li se jieħu ħsiebu. Jew inkella l-estrem l-ieħor fejn tifel jista' jispiċċa mingħajr omm jew missier fuq iċ-ċertifikat tat-twelid minħabba l-idea li ladarba missier jista` ma jaċċettax il-peternita`, f'isem l-ugwaljanza l-ommijiet ukoll jagħżlu li jagħmlu l-istess. Dan isir f'ħafna pajjiżi ġirien tagħna u jissejjaħ twelid anonimu.

Id-drittijiet tat-tfal jikkonċernawna mhux biss minħabba kwestjonijiet ta' reġistrazzjoni iżda wkoll minħabba deċiżjonijiet li jittieħdu dwar l-eżistenza tagħhom. Aċċettabbli li l-ġenituri jagħżlu jżommux tarbija skond is-sess? Aċċettabbli li wara ħames subien il-koppja tixtieq tifla u tagħżel s-sess tat-tarbija? Fejn hemm mard fil-familja u jsir *screening* dwar is-saħħa tat-tarbija, aċċettabbli li tiġi terminata t-tqala minħabba l-marda li se jkollha t-tarbija? Jekk tifel għandu marda terminali u jeħtieġlu organu jew parti mill-ġisem ta' ħuh biex isalva, aċċettabbli li tiġi

konċepita tarbija tajba għal dan il-għan? Fejn se naqtgħu l-linja? Min se jirrappreżenta l-interessi tat-tifel? Min se jiddeċiedi jekk it-tbatija li se jgħaddi minnha biex isalva lil ħuh hijiex aċċetttabbli? Kif tista' tkun taf jekk il-kunsens - f'dawk il-każijiet fejn tista' tagħti l-kunsens - jistax qatt ikun liberu?

F'każijiet ta' mard ereditarju l-avvanzi xjentifiċi jagħmluha possibbli li permezz ta' dijanjosi qabel it-twelid tintagħraf l-eżistenza ta' l-istess marda. Dan jidher pass għaqli ħafna għax wieħed jistenna li min jitwieled ikun jixtieq jitwieled mingħajr mard. Il-problema pero' tinqala' meta din it-tip ta' dijanjosi turi li l-*embryo* għandu mard ġenetiku u trid tittieħed deċiżjoni jekk it-tqala tiġix terminata. Fil-każ li dan isir fi stadju bikri ħafna xorta hemm il-problema jekk tkunx bdiet ħajja ġdida għax f'każ ta' terminazzjoni tkun qed tittieħed ħajja, kemm-il darba jiġi deċiż li l-ħajja tibda fi stadju kmieni ħafna fil-proċess ta' fertilizzazzjoni.

Nistaqsi wkoll kemm saret diskussjoni dwar l-effett ta' riproduzzjoni assistita fuq is-saħħa tal-minuri? Napprezza li dan kamp mediku, iżda minn tfittxija ħafifa ħafna sibt xi artikli riċenti ħafna li juru li t-trabi li jitwieldu minn *multiple births*, kif jiġri spiss meta jkun hemm prokreazzjoni assistita, isofru minn numru ta' kumplikazzjonijiet. Il-John Hopkins University, per eżempju, laqqgħu *panel* ta' esperti biex jindagaw jekk trabi li jitwieldu permezz ta' l-IVF humiex f'riskju ogħla għad-deterjorament fis-saħħa. Hemm ukoll l-artiklu dwar l-i*stress* li jinħoloq fuq in-nisa li jkollhom *multiple births* wara IVF. Forsi dan il-kumitat jkompli jindaga aktar fuq dan is-suġġett għax ovvjament wieħed irid jara li t-tifel li jitwieled ikollu kull ċans li jitwieled san ukoll bħal kull tifel ieħor.

Tfal li jitwieldu permezz ta' prokreazzjoni assistita jeħtieġ li jkunu meqjusa bħat-tfal li jitwieldu minn ġenituri bioloġiċi fiż-żwieġ. Iżda issa li saru emendi biex jitneħħew numru ta' artikli diskriminatorji kontra t-tfal li kienu jissejjeħu illeġittimi jixraq li t-tfal kollha jiġu ttrattati l-istesss għax hemm pajjiżi li ma jagħmlux hekk u jindikaw x'tip ta' twelid kellu t-tifel.

Hemm ukoll id-dritt tat-tfal li jitwieldu minn ġenituri li ma jkunux f'qagħda li jieħdu ħsiebhom. Per eżempju, omm ta' l fuq minn 60 sena tista' tieħu ħsieb tarbija bil-mod li għandu dritt jitrabba? Din tista' tiġi estiża *ad apsordum* u jista' jiġi argumentat li huma biss ġenituri perfetti li jiġu aċċettati bħala tajbin biex jirċievu trattament għall-infertilita`. M'iniex qed ngħid hekk. Imma xi tip ta' kriterji jrid ikun hemm. Ma nagħżlux f'liema familja nitwieldu, iżda għandna dritt nistennew li jiġu stabbiliti kriterji bażiċi dwar liema huma l-inqas *standards* aċċettabbli.

Huwa dritt tat-tfal li jitwieldu u jitrabbew fi ħdan familja. Iżda x'nifhmu bil-kelma "familja"? Bilfors irid ikun hemm missier u omm li jrabbu t-tfal? Jeħtieġ li jkunu miżżewġin lil xulxin? Dawn l-għażliet huma verament motivati mill-aħjar interess tal-minuri?

Kumment żgħir dwar din ta' l-aħħar għaliex napprezza li l-ħin għaddejn. Fid-diskussjonijiet li kellkom s'issa ssemma ħafna l-*Warnock Report*. Sentejn ilu Warnock ħarġet ktieb ibbażat fuq ix-xogħol tal-kumitat li mexxiet intitolat "*Making Babies:Is there a right to have children*?" Li laqatni l-iżjed minnu kien il-kumment tagħha dwar il-prinċipju, għalija bażilari, ta` l-aħjar interess tat-tfal u ddisappuntajt ruħi immens meta qrajt dan li ġej:

> "*…the principal has been enunciated, and is indeed included in the 1990 Fertility and Emrbyology Act, that the good of the child is paramount. Yet what exactly this principle means, what force it has and how the child's future good is to be estimated have not been seriously examined, nor did we on the Committee examine such issues. The principle sounded good, and we adopted it.*" .

Jien għandi fiduċja li dan il-kumitat se jimxi mod ieħor.

Biex nagħlaq, irrid ngħid xi ħaġa fuq x'tip ta' liġi jrid ikollna, jekk hemm bżonn ta' liġi. Fl-opinjoni tiegħi, l-għan ta' leġislazzjoni f'dan il-qasam għandu jkun bilanċ bejn id-dritt ta' l-individwu li jagħmel deċiżjonijiet dwar prokreazzjoni u d-dritt tat-tfal li jgħixu ġo familja b'żewġ ġenituri li jafu l-oriġini tagħhom. Kull regolamentazzjoni medico-legali għandha ttibbaza fuq prinċipji ta' drittijiet fundamentali umani u allura tinkludi: il-prinċipju tal-protezzjoni tal-parteċipanti fil-proċedura, il-principju tal-kontroll ta' l-istat u l-aħħar iżda żgur mhux l-inqas il-principju tal-*welfare* tat-tfal.

Minn daqqa t'għajn ħafifa ħafna lejn il-qagħda f'pajjiżi ġirien jidher li f'kull pajjiż li għandu leġislazzjoni, il-miżżewġin għandhom aċċess għall-IVF. Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, koppji li jikkoabitaw għandhom aċċess għall-IVF basta jkunu f'relazzjoni stabbli. X'jiġifieri relazzjoni stabbli nista` ngħid li hemm differenza minn pajjiż għall-ieħor. Hemm min jgħid relazzjoni stabbli ta' sentejn, hemm minn jgħid relazzjoni stabbli ta' tliet snin…

Il-maġġoranza tal-pajjiżi joffru inseminazzjoni minn donatur, iżda l-koppja m'għandhiex dritt tagħżel hi. Għoti ta' flus mhux permess. *Surrogacy* mhux permess. Fejn donazzjoni ta' *ova* huwa aċċettabbli xorta l-omm hija dik li twelled.

Hawn dawn il-prinċipji – jiena ġbart erba` - li għadhom l-bażi kbira għal diverġenzi:

> Access għall-inseminazzjoni u IVF minn nisa mhux miżżewġa u nisa lesbjani ;
>
> dritt tat-tfal li jkun jafu min għamel id-donazzjoni;
>
> donazzjoni ta' *ova* u *embryos* umani ; u
>
> kif jiġi assikurat l-kwalita' tas-servizz.

Fi kwalunkwe każ *sta* għal-leġislatur li jimposta d-drittjiet kollha msemmija f'qafas ta' drittijiet fundamentali b'rispett partikolari lejn il-ġenituri u t-tfal involuti imma fl-isfond ikbar tad-drittijiet tas-soċjeta' kollha. Grazzi.

**THE CHAIRMAN :** Nirringrazzjak tal-prezentazzjoni ferm interessanti li tajtna. L-Onor. Cassar.

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Prosit, *exposition* tajba ferm. Jiena se niffoka ftit fuq id-drittijiet tat-tfal, u meta ngħid drittijiet tat-tfal jien nemmen fil-konċepiment hemm ħajja. Żgur li se jkollna, *at some stage,* bħala leġislaturi niddiskutu punt li tkellimt fuqu int, u ċioe` koppji li qed jikkoabitaw u koppji li qed jgħixu flimkien u li huma ta' l-istess sess. Ovvjament imbagħad trid tittieħed deċiżjoni. Pero' fuq dan il-punt - u inti semmejtu tajjeb - min se jideċiedi x'inhu stabbli? Min jista' jiddeċiedi x'inhu stabbli? Għaliex kif taf inti u naf jien l-istabbilita` hija xi ħaġa fluwida u hija xi ħaġa li tista' tinbidel mil-lum għal għada. Illum bniedem huwa stabbli u għada jista' ma jkunx stabbli. Jekk inti għandek koppja li żżewġu ċivilment jew fi knisja hemm rabta li hija rabta legali li tista' tinħall b'ċerta affarijiet, imma hemm rabta legali. F'dan il-qafas għad-drittijiet tat-tarbija li se titwieled x'jista' jkun hemm b'garanzija leġislattiva biex tiddiċefra x'inhi stabbilita` kif hemm fiż-żwieġ? Fiż-żwieġ hemm rabta ċivili ta' rbit, issa f'koabitazzjoni t-tarbija x'garanzija nistgħu nagħtuha li se jkun hemm stabbilita` legali?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Napprezza li dan huwa punt vera diffiċli. Pero` bħalissa l-uniku mod kif tiġi determinata stabbilita` huwa fil-qafas tal-liġi dwar l-adozzjoni. Meta persuna trid tadotta u tkun miżżewġa - mhux bilfors trid tkun miżżewweġ biex tadotta, tista' tkun *single parent* - l-istabbilita` turiha għax tkun ilek miżżewweġ u tgħix flimkien għall-perijodu ta' mhux inqas minn 5 snin. Il-liġi dik tistabbilixxi bħala turija ta' stabbilita`. Pero' nixtieq inżid li l-istabilita`

mhux neċessarjement tiġi miż-żwieġ. Jista' jkun hemm stabbilita` bejn koppja li qiegħda tikkoabita. Għalhekk fil-bidunett għedt li wieħed mill-prinċipji li tridu taħsbu dwaru biex tibbażaw fuqu huwa jekk iż-żwieġ u d-dritt li jkollok familja humiex marbutin ma' xulxin. Mhux kulħadd jaqbel dwar dan. Hawn opinjonijiet differenti. Jista' jkun li *to found a family*, għax fl-Ingliż hekk qiegħda, hija marbuta maż-żwieġ. Imma hija marbuta b'mod li ma tistax tinħall? Jista' jkollok drittijiet li tiżżewweġ u drittijiet li tagħmel familja? Naħseb li intom tridu tiddeċiduha din. U l-argument tal-*covenant on civil and political rights* jagħmilha fi sfond vera ċar għalija, fl-isfond ta' *policy* legislattiv dwar jekk inti tħarisx lejn iż-żwieġ bħala mezz kif iżżomm stabbilita` fil-familja. Jekk taħsbu li l-istabbilita` fil-familja tiġi minħabba ż-żwieġ, allura dik għandha tkun waħda mill-indikaturi.

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Pero` jiena l-iktar li qed niffoka huwa fuq id-dritt tat-tarbija. Jekk t-tarbija twieldet f'koppja miżżewġa hemm xi ħaġa li legalment taf li hemm rbit bejn dik il-koppja. Issa jekk jinħallx jew le, hemm il-proċeduri ċivili jew ekklesjastiċi. Imma l-koppja li qed tikkoabita - irrespettivament il-livell morali fuq żwieġ u mhux żwieġ, jien qed nitkellem fuq livell legali - x'garanzija qed toffrilha lit-tarbija li hemm xi ħaġa li tista' torbot fuqha?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Imma r-relazzjoni bejn il-ġenitur u t-tifel m'hijex sforz taż- żwieġ. Ir-relazzjoni bejn ġenitur u t-tifel tiġi permezz ta' rikonoxximent tat-tifel bħala l-wild tiegħek. Jiġifieri persuna li jrid jirrikonoxxi tifel barra miż-żwieġ xorta għandu doveri u responsabbiltajiet lejn dak it-tifel skond il-liġi, m'hemmx għalfejn ikun miżżewweġ lill-omm. Jekk għandek każ mhux tas-soltu ta' *baby* li jinstab barra, ma nafux min hi ommu u l-omm tiġi u tirrikonoxxi dak il-*baby*, f'dak il-każ l-omm għandha relazzjoni ma' dak it-tifel sforz dak li tgħid il-liġi dwar *patria potestas*, dwar l-obbligi ta' ġenitur u mhux sforz ta' stabbilita`. Jista' jkun li ġenitur li qatt ma jara lit-tifel xorta għandu relazzjoni legali ma' dak it-tifel għax irrikonoxxieh xi darba. Forsi jibgħatlu l-manteniment darba fix-xahar imma qatt ma jkollu kuntatt miegħu. Fil-fatt hemm każijiet vera interessanti fil-pajjiżi Skandinavi dwar l-obbligu li jkollok relazzjoni mat-tifel inkwantu manteniment, u bħalissa għaddejja kawża fejn qed jipprovaw iġiegħlu ġenitur mhux biss jagħmel dak l-obbligu ta' manteniment, imma l-obbligu li jħobb lit-tifel. Kif tista' ġġiegħel ġenitur li jkollu kuntatt mat-tifel u jħobbu? Hija barra mill-ambitu legali. Imma inkwantu l-istabbilita` naħseb li t-tweġiba tinstab fl-adozzjoni. Dak l-uniku mod.

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Nixtieq nagħmel kjarifika iktar milli domanda. Ma nafx jekk inbidlitx il-liġi, imma kif qiegħda l-liġi llum qegħda li jekk inti għandek persuna - tifel jew tifla - li twieldet illeġittima hemm ċerta eta` li *at any stage* jista' jmur il-missier l-insinwa u *he claims paternity*. Hux hekk qiegħda?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Għadkom kif għaddejtu emendi vera sbieħ li neħħejtu l-konċett ta' illeġitimita`. Fil-każ li qed isemmi inti, għandek raġun, kienet vera ħaġa problematika. Kif kienet il-liġi jekk raġel jiddeċiedi li jirrikonoxxi wild bħala tiegħu jista' jmur għand nutar u jagħmel dikjarazzjoni ta' paternita` u t-tifel jiġi reġistrat fuq ismu. Illum għadu jista` jagħmilha, pero' jrid jinnotifika lill-omm u lit-tifel li se jagħmilha. Qabel ma kellux għalfejn. Qabel kien hemm sitwazzjoni fejn jista` jmur u jagħmel att ta' rikonoxximent mingħajr ma jkunu jafu l-omm u t-tifel. Imbagħad t-tifel imur jiġbor ċertifikat tat-twelid u f'daqqa waħda jsib li kunjomu inbidel u missieru huwa mniżżel fuq iċ-ċertifikat.

**ONOR. JOSEPH CASSAR:** Issa fl-ambitu ta' din il-leġislazzjoni fuq dan li qed nitkellmu, hemm xi *safeguards* minn livell ta' ċivilista li aħna għandna naħsbu fuqhom biex din il-biċċa xogħol li *at any stage* xi ħadd jista' jmur jagħmel *claim* ta' paternita` ma ninqabdux fiha? Għax jekk aħna qegħdin

nitkellmu fuq *stability* u jkun *single parenthood* u *stability established* u jkun hemm ftehim li jkun hemm *anonymity* u mbagħad *someone goes to claim it,* se neħlu fuqha. X'parir tagħti biex ma ninqabdux f'din il-biċċa xogħol?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Dwar l-kwestjoni ta' *anonymous donors* nista' ngħidlek li jien m'iniex kuntenta ħafna bl-idea ta' *anonymous donor*. Jekk għandek *anonymous donar* xorta nħoss li t-tifel għandu jkollu dritt li jistabbilixxi l-identita` tiegħu, jiġifieri li jinżamm reġistru bl-identita` ta' min qed jagħti d-*donorship*. Issa hemm pajjiżi li jużawha din. Per eżempju, l-Isvediżi ddeċidew li jekk se jkollok *anonymous donor* bilfors irid ikollok reġistru għax it-tifel għandu dritt ikun jaf minn fejn hu ġej. Imma mbagħad l-ammont ta' nies li għamlu d-*donorship* waqa' b'mod drastiku. Għaliex? Għax il-maġġoranza tal-missierijiet li jagħtu l-i*sperm* tagħhom ma jridux irbit. Missier li jagħti l-isperma tiegħu ma jridux li f'daqqa waħda jitfaċċa tifel u jgħidlu li hu għandu relazzjoni miegħu jew li għandu drittijiet kontra tiegħu. Jiġifieri forsi taħdem b'dan il-mod.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Mario Galea.

**ONOR. MARIO GALEA:** Jien ma kontx hawn mill-bidu, imma interessani dak li kont qed tgħid. Li xtaqt nistaqsi huwa dan kollu li qed tgħid kif jinkwadra fejn jidħlu każijiet ta' *adoptions,* li għalkemm m'għandniex statistika jidher li dawn il-każijiet qed jiżdiedu hawn Malta. Fil-każijiet ta' *adoptions* għandek wild jew aktar ġo familja fejn il-ġenituri m'humiex in-*natural parents* tagħhom u għandek il-potenzjal, li jeżistu u ġara, li dik il-familja jista' jkollha t-tfal naturali tagħha wara li tkun diġa' adottat. Dan kollu kif jinkwadra? Hemm liġijiet li jissalvagwardaw dawn il-każijiet ta' tfal li jiġu *adopted*? Jien għadni kif sirt naf b'każ - se noqgħod attent li ma nagħtix id-dettalji – ta' familja li bħalissa qiegħda r-Russja u se ġġib aktar minn tlett itfal biex tadottahom. Issa jekk din il-familja potenzjalment ikollha l-wild naturali tagħha, hemm liġijiet li jissalvagwardaw id-drittijiet tat-tfal li ġew adottati?

**DR. RUTH FARRUGIA:** L-adozzjoni hija kamp fejn hemm *standards* u kriterji ċari ħafna. Jiġifieri qabel din il-koppja setgħet tmur biex tadotta kellha tagħmel *home study report.* Jiġifieri marru s-*social workers*, tkellmu mal-koppja flimkien, tkellmu ma' kull wieħed mill-koppja indipendentement, tkellmu ma' l-*extended family* u raw x'tip ta' familja jistgħu joffru lil dawn it-tfal. Legalment ukoll irid ikun hemm ftehim bejn Malta u l-pajjiż minn fejn se ġġib it-tfal. Ladarba l-kriterji jkunu sodisfatti ġeneralment ma jkunx hemm *follow-up*. Pero' hemm pajjiżi li bħala kriterju biex isir qbil bejn iż-żewġ pajjiżi jesiġu li bilfors irid ikun hemm *follow-up* ta' sena jew sentejn li tkompli tara li t-tfal qed jissettiljaw tajjeb, huma b'saħħithom u dawn it-tip ta' affarijiet. Jiġifieri għall-kamp ta' l-adozzjoni l-affarijiet mexjin kif suppost. Dejjem tista' tagħmel xi tibdiliet, imma huma regolati. Il-problema f'din hi li m'hemmx regolamenti.

**ONOR. MARIO GALEA:** Jekk fhimt sew hemm ċerti pajjiżi - u din kont smajtha - li ladarba jħallu l-*adoption* iżommu d-dritt li sa sentejn wara jerġgħu jiġu u jaraw kif inhuma t-tfal. Fil-każ tagħna ta' Malta jkun hemm *follow-up* biex naraw li t-tfal li ġew adottati minn ġenituri Maltin minn pajjiżi oħra qed jiġu trattati kif suppost?

**DR. RUTH FARRUGIA:** In-nozzjoni hi li ladarba ssir l-adozzjoni ma jkunx hemm iktar indħil. In-norma hi li jekk għandek it-tfal ħadd ma jiġi jħabbatlek il-bieb biex jaraw jekk intix qed tieħu ħsiebhom sew. Jiġifieri l-idea hi li la sirt ġenitur inti qed tieħu ħsieb it-tfal kif suppost. Min jadotta jgħaddi minn *screening process* qabel ma jitħalla jsir ġenitur. Ovvjament il-liġi tista' ddur fuq il-ġenituri adottivi, bħalma tista` tagħmel fuq il-ġenituri l-oħrajn kollha, u tgħidilhom li mhux qed jieħdu ħsieb it-tfal kif suppost u teħodhomlhom biex tieħu ħsiebhom hi għax

għandhom bżonn kura u protezzjoni taħt l-ordni tal-ħarsien.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Fid-diskussjonijiet li kellna hawnhekk fuq dan is-suġġett kellna ħafna tobba u professuri u ħadna l-impressjoni, *at least* jiena, li l-professuri kienu qed jissuġerixxu li jekk nagħmlu liġi jista` jkun li din tagħlaq l-avvanz mediku jew tirrestringi l-proċeduri. Imma jiena qed nifhem li inti ma taqbilx ma' din l-idea u qed tgħid li għandu jkun hemm liġi.

**DR. RUTH FARRUGIA:** Ovvjament jiena m'għandix *background* mediku, u x'inhu jiġri fil-kamp tar-riċerka f'dan il-qasam ma nafx kemm tista' tirrinstrinġiha. L-ewwel ħaġa li semmejt hija li naħseb li għandu jkun hemm liġi wiesgħa. Għandu jkun hemm *principles*. Li jkun hemm liġi li tidħol f'kull nitfa f'kamp bħal dan, li skond ma nifhem bħala *layperson* qiegħed fi stat ta' evoluzzjoni, forsi ma tkunx idea tajba għaliex trid dejjem tiġi l-parlament biex tagħmel emendi. Pero` ċertament naħseb li xi tip ta' struttura, liġijiet bażiċi dwar il-bidu tal-ħajja, responsabbiltajiet ta' ġenituri u d-drittijiet kollha tat-tfal li donnhom x'issa bir-rispett kollu minn dak li qrajt mir-rapporti ħadd m'hu qed jiffoka fuq id-drittijiet tat-tfal f'dan kollha.... Kulħadd qed jagħmel ħafna enfasi fuq id-drittijiet tal-ġenituri biex ikollhom it-tfal, li hija ħaġa sabiħa ħafna, imma l-effett fuq it-tfal huwa daqstant ieħor importanti. Jiġifieri iva, it-tweġiba *in brief* hija li naħseb li għandu jkun hemm liġi.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Biex inkompli ma' l-argument. Imma din il-liġi li aħna qed nipprovaw naħsbu fuqha se tkun biex nikkontrollow lit-tobba stess li jagħmlu proċedura?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Naħseb biex ngħinuhom f'xi deċiżjonijiet li jieħdu. Per eżempju, li jiġi stabbilit meta tibda l-ħajja naħseb trid tiġi deċiża. Pero` din mhux se tkun deċiża fuq bażi personali, imma naħseb għandha tkun ħaġa li l-istat għandu jiddeċiedi fuqha. Jekk persuna hiex tajba li tkun ġenitur, taqax taħt ċerti kriterji, ma naħsibx li għandu jiddeċiediha tabib waħdu. Naħseb li għandu jkun hemm grupp ta' nies li jiddeċiedi.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Il-liġi għandha tikkontrolla li t-tabib jiddeċiedi, per eżempju, kemm jagħmel *embryos* u allura kemm jagħmel tfal? Il-liġi għandha tikkontrolla wkoll x'għandu jsir mill-*embryos,* jekk jintużawx kollha jew jekk jiġux iffirżati? Waħda mill-problemi li qed niffaċċja wkoll hija l-i*status of the embryo.* Imma mbagħad rigward din il-linja li għadni kif semmejt għandna għal xiex nagħmlu liġi biex nikkontrollaw?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Jiena ngħid li din ta' l-*implantation of embryos* għandha tiġi regolata. Għaliex qed ngħid hekk? Għax l-effett tal-*multiple birth* fuq l-*well-being* tat-tarbija huwa importanti ħafna. Jekk ikollok *single implantation* mod, pero' jekk inti qed timpjanta *three embryos* u jista' jkun li jkollok *triplets* hemm iċ-ċans, skond ma qrajt, li s-saħħa ta' dawk it-*triplets* ma tkunx tajba daqs ta' twelid ta' tfal li ma jitwieldux *in a multiple birth*. Allura dik żgur għandha tinfluwenza u tiġi regolata kemm tista' inti tagħmel *implantation.*

**ONOR. MICHEAL GONZI:** Imma allura bħala liġi jew bħala *guideline* mid-dipartiment? Din hija domanda li jien staqsejt wkoll lid-direttur tas-saħħa. Ir-raġuni ta' l-argument tiegħi kien li jien se nagħmel liġi u naf li *within a few years* se jkun hawn avvanzi kbar fix-xjenza u allura l-liġi trid terġa` tinbidel. Jekk lit-tabib nagħmillu *guidelines* minflok liġi u ngħidlu li jrid jirrapporta, irid jimla dawn il-karti eċċ. eċċ. taħseb li jkun aħjar?

**THE CHAIRMAN:** F'dawn il-laqgħat kellna nies li qalulna biex noqogħdu attenti kemm nagħlqu bil-liġi għax inkella nirrestrinġu l-avvanz tax-xjenza. Issa anke fil-każ ta' l-*embryos* jidher li għad jista' jkun hemm avvanz, forsi llum hemm bżonn timpjanta tlieta u għada jkun hemm bżonn

timpjanta wieħed. Allura x'inhu l-aħjar li fil-liġi jkollna indikat preċiż kemm jistgħu jiġu mpjantati *embryos*, per eżempju tlieta, jew inkella tħalliha bħala regolament li jista' jinbidel b'aktar faċilita`?

**ONOR. MARIO GALEA:** Jekk tabib tagħmillu *guidelines* m'huwiex marbut li josservahom. Jekk tagħmilu liġi huwa marbut li josservaha. Meta qed titkellem fuq *issue* daqshekk importanti dwar meta tibda l-ħajja, jekk *on conception* għandhiex *cells* naħseb iktar importanti li jkun hemm liġi.

**THE CHAIRMAN:** Imma l-Onor. Gonzi kien qed jitkellem fuq *enabling law* b'regolamenti li mbagħad ikunu jistgħu jinbdilu b'avviż legali. Dak li kien qed jgħid.

**DR. RUTH FARRUGIA:** Naħseb il-kriterju m'għandux ikun li tgħid kemm isir *implantation*. Għandu jkun prinċipju li kwalunkwe ħaġa li ssir għandha ssir *in the best interest of the child*, fl-aħjar interess tal-minuri. Jiġifieri t-tabib għandu jiddeċiedi x'intervent għandu jagħmel dejjem bl-idea dwar kif se taffettwa lill-minuri. Jekk għandu ħjiel li l-intervent li se jagħmel se jaffettwah b'mod negattiv m'għandux jagħmlu.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Fhimtu l-punt, imma qed nipprova nġib kontroll fuq it-tabib. Jekk jiġi ġenitur għandi għall-*adoption* tat-tfal, is-soltu s-*social worker* jiġi għandi biex nagħmel ċertifikat fuq is-saħħa ta' din il-persuna. Issa l-problema li xi kultant jien niltaqa` magħha hija li lil din il-persuna nkun ili nafha 20 sena. Qed ngħidha għax mhux daqshekk komuni, imma xi kultant iktar ma tkun taf lill-persuna, biex tagħmel ċertifikat.... Lili ħadd m'hu qed jikkontrollali fuq dan iċ-ċertifikat. Il-punt hu, jista' jkun hemm xi ħaġa li tikkontrolla t-tabib? Jekk jien nagħmel *guideline*, kif qal l-Onor. Mario Galea, vera *it is not binding*, imma jekk jien jinqalgħali xi ħaġa u ma nkunx mxejt ma' dak il-*guideline* jien se neħilha b'xi mod jew ieħor. M'hemmx għalfejn ikun hemm liġi biex neħilha.

**DR. RUTH FARRUGIA :** Jien ma naqbilx li *guidelines* m'humiex *binding*. Anzi naħseb li t-tobba bil-*medical council* għandom struttura tajba li tirregolahom u li jkollok spjega ta' x'inhuma l-prinċipji tista' tagħmilha wkoll bil-liġi. Għalhekk għedt li jien nixtieq nara liġi wiesgħa ħafna u li għandha *fundamental principles* fiha. Jiġifieri jekk l-idea bażika hija li trid tħares l-interess tal-minuri qabel kollox, allura awtomatikament t-tip ta' intervent li tagħmel jrid jaqdi dak l-prinċipju. Issa jista' jkun li jkun hemm xi *team* żgħir biex jara li jekk it-tabib qed jipprova jagħmel *assessment* ikun hemm *back-up* biex jgħin lit-tabib jilħaq d-deċiżjoni f'dak il-każ partikolari, għax kull każ huwa differenti.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Dan il-punt li huwa importanti ħafna għandu jiġi bħala *guideline* jew bħala liġi?

**DR. RUTH FARRUGIA:** *The setting up of a team* naħseb li għandu tkun parti mil-liġi għax huwa prinċipju ta' kif inti se taqdi l-prinċipji kollha, huwa l-mezz ta' *enforcement*. Biex inti taqdi l-prinċipji għandek bżonn mekkaniżmu, u l-mekkaniżmu huwa li jkollok dan it-*team*.

**ONOR. MICAHEL ASCIAK:** Fostna għandna lill-Dr Paul Vassallo Agius li naħseb li jista' jitfa' xi ftit dawl fuq dawn l-*issues* u jiena nixtieq nistaqsih x'differenza tagħmel kemm jiġu pjantati *embryos* ġol-ġuf fuq il-ħajja tat-trabi meta jitwieldu u fuq iċ-ċansijiet ta' impjantazzjoni.

**DR. PAUL VASSALLO AGIUS:** M'hemmx dubju li jekk inti timpjanta *embryo* wieħed dik l-omm mhux se jkollha iktar minn tarbija waħda. Jekk timpjanta tnejn, tlieta, erba' jew ħamsa, dawn jistgħu jieħdu kollha u jitwieldu numru ta' trabi f'daqqa. Issa meta għandek utru li jimtela` b'tarbija waħda hemm ċans li t-tarbija tikber u tiffjorixxi. Jekk għandek tnejn, tlieta, erba' jew ħamsa dawn se jkunu iżgħar u iktar ma jkunu żgħar iktar se jitwieldu kmieni, u jekk jitwieldu kmieni mhux se jkunu żgħar biss imma se

jkunu wkoll immaturi u iktar għandhom ċans li jmutu. Allura meta jitwieldu erba' jew ħamsa tista` tispiċċa bi tlieta jew b'erba' minnhom li jmutu. Jiġifieri din żżid il-mortalita`.

Sadanttant minn studji li saru, jekk niftakar sew, jekk jitwieldu *twins* b'mod artifiċjali, jiġifieri assistiti, dawn għandhom l-istess moralita` daqs tfal li jitwieldu *twins* b'mod naturali. Jekk tieħu *higher order birthss,* probabbilment huma l-istess ukoll. Jekk inti tiġi mbagħad biex tagħmel studju u tieħu l-iżvilupp tagħhom wara snin, issib li kemm dawk li twieldu b'mod assistit u kemm dawk li twieldu b'mod naturali hemm inċidenza ikbar fit-*twins* u *higher order births* li jkollhom *abnormalities* fl-iżvilupp tagħhom.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Galea.

**ONOR. MARIO GALEA:** Fid-dawl ta' dak li għedt ma jidhirlekx li l-gvern allura għandu jilleġiżla, ladarba l-*embryos* impjantati għandhom *a higher incidence*, skond in-numru, ta' *morbidity u mortality*? Allura fil-każ li dawn għandhom *a higher incidence* ta' *morbidity u mortality* ma taħsibx li l-gvern għandu jilleġisla u ma tkunx sitwazzjoni ta' *free for all* kif probabbli hija llum?

**DR. PAUL VASSALLO AGIUS:** Fl-opinjoni tiegħi naħseb li għandu jkun hemm limitu ta' kemm wieħed għandu jimpjanta *ova* fertilizzati. Per eżempju, jien naħseb li t-tendenza hija li timpjanta tnejn jew tlieta - iktar għal tnejn milli tlieta - imma hemm ukoll skola li tgħid li l-aħjar hu li timpjanta *one at a time* għaliex b'hekk tagħti l-isbaħ ċans, jekk ikun viabbli għax jekk ma jkunx viabbli ma tista' tagħmel xejn, li jkollok tarbija b'saħħitha. U aħjar wieħed ikollu ċ-ċans li jkollu tarbija normali u b'saħħitha milli jkollu tnejn jew tlieta u xi ħadd minnhom ma jkunx daqshekk b'saħħtu.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Jekk inti allura taċċetta li timpjanta waħda u għandek każ li huwa diffiċli biex inti ġibt l-*ova*, l-isperma jew *whatever,* taqbel li tiffriża *fertilised ovum?* Jiġifieri taqbel li tużaha darba u jekk ma taqbadx terġa' tużaha dak il-*frozen embryo*?

**DR. PAUL VASSALLO AGIUS:** Se nidħol f'kamp li m'iniex espert fih, pero' nista' nagħtik l-opinjoni tiegħi. L-opinjoni tiegħi hija li trid tiddeċiedi minn qabel x'se tagħmel bil-*fertilised ova* li inti tiddeċiedi li tiffriża. Jekk inti tiffriżahom trid tiddeċiedi x'se tagħmel bihom wara sena, sentejn, tlieta jew għaxar snin. Issa l-limitu li tagħti ma nafx kemm hu. Imma ħafna nies jgħidu li sa sentejn trid tara x'se tagħmel. Jien ma tantx naqbel magħha din, għax jidhirli li jekk inti tneħħihom mill-*environment* li taf huwa *safe* u se tpoġġihom f'*environment* ieħor taf żgur se jmutu. Jien ma naqbilx ma' dan speċjalment meta aħna nemmnu li r-ruħ tidħol malli ssir il-*conception.* Issa qed ngħid nemmnu għax jekk inti taf ma tistax tgħid temmen u jekk inti temmen ma tistax tgħid taf. Jien nemmen, imma ma nafx. Kieku naf ma ngħidx nemmen. Dak huwa l-prinċipju li nuża f'dawn iċ-ċirkostanzi.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Nixtieq nagħmel domanda lil Dr Farrugia. Hawnhekk qed ngħidu li rridu niġġieldu għad-drittijet tat-tfal u għad-drittijiet ta' l-*embryos* biex dawn ikunu ugwali. Allura bl-istess konċett nista' nuża *frozen embryo* fil-qafas legali li hemm taħt l-*adoption laws*? Nista` nuża l-istess kriterji legali ta' *adoption of a healthy baby* għal *adoption of a frozen embryo*?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Fil-fatt f'ċerti pajjiżi hekk jiġri. Jekk jien iffriżajt erba' *embryos* u mhux se nużahom, dawk jistgħu jintużaw minn ħaddieħor bħala adozzjoni, xi ħaġa analoga għall-adozzjoni. Minflok ma tagħti *baby* tagħti *a fertilised ovum* li jitwieled mill-persuna li se tadottah. Fil-fatt għalhekk hemm konsensus li, per eżempju, jekk isir dan ma jsirx kontra ħlas.

**THE CHAIRMAN**: Imbagħad iċ-ċertifikat tat-twelid….

**DR. RUTH FARRUGIA:** Dik hi l-problema għaliex fiċ-ċertifikat tat-twelid inti se jkollok l-omm li welldet dik it-tarbija u parentela ġenetika m'hijiex se tidher, sakemm ma jkunx hemm sistema ta' reġistrar ta' min qed jagħti l-informazzjoni.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Abela.

**ONOR. JOE ABELA:** Nixtieq nistaqsik jekk barra teżistix din it-tip ta' sistema ta' reġistrar. Per eżempju, barra hemm dawk li nsejħulhom *sperm banks* fejn wieħed jagħti ż-żerriegħa tiegħu, hemm xi sistema ta' reġistrar?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Per eżempju, l-Isvezja minn mindu daħħlu din is-sistema ta' reġistrar naqas l-ammont ta' nies li jagħmlu *sperm donation* minħabba l-fatt li l-maġġoranza ta' l-irġiel ma jixtiequx li jkollhom id-doveri ta' ġenituri. Per eżempju, peress li ġeneralment ikunu studenti li għadhom żgħar li jmorru u jagħmlu *sperm donation* ħadu passi biex ma jkomplux ikunu studenti li jagħmlu *sperm donation*. Xtaqu li l-*pool* ikun minn irġiel iktar maturi, issetiljati u jifhmu iktar il-piż u l-konsegwenzi li se jidħlu għalih. Għaliex? Għax jista' jkun li allavolja legalment m'għandhomx responsabbiltajiet - hemm miktub fil-liġi li m'għandhomx responsabbilta` - għada pitgħada dan it-tifel idur u jgħidlu: Isma', jien it-tifel tiegħek. Hawnhekk tidħol ukoll l-*issue* tal-*counselling*, u li n-nies ikunu jafu eżattament x'inhuma l-konsengwenzi ta' dak li deħlin fih naħseb ukoll għandha tkun parti mix-xogħol ta' dan it-*team*. Għandek tkun taf x'se jiġri jekk inti tidħol għaliha din il-ħaġa. Per eżempju, jekk inti se tiddeċiedi li tiffriża *embryo,* x'inhuma l-*options*?

**ONOR. JOE ABELA:** X'tip ta' regolamentazzjoni teżisti fuq dawn it-tip ta' strutturi f'pajjiżi barra minn Malta? Teżisti regolamentazzjoni differenti f'pajjiżi differenti? Mir-riċerka tiegħek tista' tgħid li hemm pajjiżi li jirregolaw ħafna u oħrajn jirregolaw ftit?

**DR. RUTH FARRUGIA:** Ikolli nammetti li r-riċerka kienet ta' malajr ħafna u minħabba li l-istedina tagħkom ġiet riċentement. Pero' nista' ngħid li hemm biżibilju ta' ideat ta' kif għandek tagħmilha din il-ħaġa. Fil-fatt interessanti li internazzjonalment hemm din il-*proviso* li tista' tagħmilha kif trid inti skond il-liġijiet nazzjonali tiegħek, tħalliha għad-diskrezzjoni tiegħek.

**THE CHAIRMAN: L**-Onor. Galea.

**ONOR. MARIO GALEA:** Li rrid nistaqsi hu jekk fl-isptar San Luqa tweldux tlett itrabi jew iktar wara proċess ta' IVF? Jekk iva, x'sar minnhom?

**THE CHAIRMAN:** Dr. Vassallo Agius.

**DR. PAUL VASSALLO AGIUS:** Jien naf li xi għaxar snin ilu twieldu, jekk jiena informat sew, anke ħamsa u sitta wara proċess ta' IVF f'Malta. Issa l-*infant mortality rate* f'Malta hija baxxa ħafna. Minn kull 1,000 tarbija li jitwieldu ħajjin bejn sitta u seba` jmutu fl-ewwel sena. Jien ma nafx kemm qed isiru IVFs, m'għandniex figuri. Ma nafx li ġew ippublikati figuri ta' kemm isiru IVFs Malta. Imma ejja ngħidu li jsiru 50 IVF u minn dawn il-50 tqala se jkollok, per eżempju, 100 wild, jekk dawn ikunu *higher order births,* jiġifieri tnejn, tlieta jew aktar għandek ċans – *I'm guessing* – li *one-third* minnhom imutu. Jiġifieri jekk għandek 50 tqala u se jitwieldu 100 se jmutu għaxra minnhom. Issa billi l-*infant mortality rate* f'Malta hija baxxa u billi l-*birth rate* f'Malta naqset ħafna, dawn jistgħu jagħmlu impatt żgħir ta', per eżempju, 0.5 jew *one per thousand live births.* Dan huwa l-*assessment* tiegħi fuq fuq ta' x'jista' jiġri jekk ikollok *higher order births* ta' din l-entita`

**ONOR. MARIO GALEA:** Imma dawk li jitwieldu riżultat ta' IVF jidħlu żgur fl-*infant moratality rate,* għax dak hu d-dubju tiegħi?

**DR. PAUL VASSALLO AGIUS:** Jekk jitwieldu ħajjin u jkollhom iktar minn 22 jew

24 ġimgħa tqala dawn jiġu magħduda fl-*infant mortality rate*.

**THE CHAIRMAN:** Dr. Farrugia.

**DR. RUTH FARRUGIA:** Fil-fatt wieħed mill-punti li rrid nagħmel hawn u ma tkellimtx dwaru huwa l-bżonn ta' żamma ta' statistika. Minħabba li m'hawn xejn struttura ma nafux eżattament x'inhu jiġri. Kieku hemm struttura inti bilfors tkun taf kif twieldu dawn it-tfal u tara x'inhu jiġri dwarhom.

**THE CHAIRMAN:** Dr. Vassallo Agius.

**ONOR. PAUL VASSALLO AGIUS:** L-opinjoni tiegħi hija li figuri jeżistu imma m'humiex ippubblikati.

**THE CHAIRMAN:** M'humiex miġbura mid-dipartiment tas-saħħa, u dan nafuh minn mistoqsija parlamentari.

**THE CHAIRMAN:** Jidher li m'hawnx iktar domandi u allura nistgħu ngħaddu għat-tieni preżentazzjoni li għandna llejla. Insejjaħ lil Mrs. Muscat Azzopardi biex, jekk jogħġobha tingħaqad magħna madwar il-mejda biex tagħmel il-prezentazzjoni tagħha.

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Sur President, nirringrazzjak talli stedintni biex nagħti l-kontribut tiegħi f'dan id-dibattitu. Jiena għandi M.Phil fid-drittijiet tat-tfal, studjajt fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-universita` ta' Strasbourg u għamilt kors intensiv fuq id-drittijiet tat-tfal fl-universita` ta' Gent u jiena wkoll *part-time lecturer* fl-universita`.

Jien, kif għedt, se nitkellem mill-perspettiva tad-drittijiet tat-tfal. Dan se nagħmlu b'riferenza għall-prinċipji bażiċi li joħorġu mill-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda tad-Drittijiet tat-Tfal li huwa l-aktar dokument internazzjonali smat u rispettat fil-qasam tad-drittiijet tat-tfal. Din il-konvenzjni ġiet ratifikata minn kull membru tal-Ġnus Magħquda ħlief l-Istati Uniti u s-Somalja. Dan jindika li hawn qbil globali, kunsensus globali, fuq il-valuri li tħaddan din il-konvenzjoni. Dan jindika wkoll ir-responsabbilta` ta' dawk il-pajjiżi kollha li rratifikaw din il-konvenzjoni, jiġifieri r-responsabbilta` u l-obbligu li jippromwovu t-twettiq tal-valuri li tħaddan din il-konvenzjoni.

Jien se nestrapola l-prinċipji relevanti minn dik il-konvenzjoni għal dan is-suġġett li qed jiġi diskuss hawnhekk u napplika dawn il-prinċipji f'dan il-kontest. Jien se nipprova nuri kif dawn il-prinċipji jimponu li aħna inqisu ċerti konsiderazzojnijiet li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh meta jkun qed ifassal liġijiet jew regolamenti f'dan il-qasam.

Dawn il-konsiderazzjonijiet jistgħu jgħinu biex ċerti deċiżjonijiet diffiċli ħafna, ċerti dibattiti jaqilbu aktar lejn naħa jew lejn oħra.

Jien napprezza s-serjeta` u l-professjonalita` ta' dawk li diġa` taw sehemhom f'dan id-dibattitu. L-għan dejjem kien li wieħed jasal għal dak li hu ġust u desiderabbli. Iżda f'dan il-kamp, il-premessi li wieħed jibda bihom, l-i*starting point* mhux dejjem hu l-istess u allura jwassalna għal pożizzjonijiet daqsxejn differenti. Jiġifieri allavolja l-għan jista' dejjem ikun wieħed tajjeb, u li hu prattikament diffiċli li tikkritikah, iżda minħabba l-i*starting points* li huma xi kultant differenti, dan jista' jwassal għal xejriet jew prioritajiet differnti jew saħansitra irrekonċbbli.

Din l-introduzzjoni tiegħi hija importanti biex tifhmu l-pożizzjoni tiegħi. Jien ħafna drabi mhux se nasal għal konklużjonijiet definittivi. Se nagħti biss xejra partikolari li tista' titqiegħed ma' l-oħrajn u jkollha ċans tiġi konsiderata u li tinfluwenza d-deċiżjonijiet finali li jittieħdu f'dan il-qasam.

Din il-konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda kienet ippubblikata f'Novembru ta' l-1989 u Malta adottatha sena wara. Kienet waħda mill-konvenzjonijiet li ġiet ratifikata mill-akbar numru ta' pajjiżi fl-iqsar żmien.

Prinċipju ewlieni li jinstab ukoll fil-Kodiċi Ċivili ta' Malta huwa dak li fejn jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw lit-tfal wieħed għandu jqis l-aħajr interessi tat-tfal. (Art. 3) Prinċipju ieħor ġenerali hu li t-tfal kollha għandhom igawdu d-drittijiet imsemmija fil-konvenzjoni mingħajr diskriminazzjoni. (Art. 2) It-tfal mhux biss għandhom id-dritt għall-ħajja iżda peress li l-minuri jinħteġilhom li jkunu protetti, il-konvenzjoni tmur aktar 'il quddiem u tistipola d-drittijiet partikolari għall-persuni minn qabel it-twelid sa meta jagħlqu t-tmintax-il sena. Dawn għandhom id-dritt għas-sopravivenza u l-iżvilupp. (Art.6)

Fil-preambolu nsibu riferenza għall-familja u li jgħid hekk:

> "Huma konvinti li l-familja bħala grupp fundamentali tas-soċjeta` u l-ambjent naturali għat-trawwim u l-ġid tal-membri kollha tagħha u partikolarment it-tfal, għandha tingħata l-ħarsien u l-għajnuna meħtieġa. Jagħrfu li t-tfal għal żvilupp sħiħ u tajjeb tal-personalita` tagħhom għandhom jitrabbew fi ħdan il-familja.".

Fil-preambolu nsibu wkoll riferenza għall-protezzjoni speċjali kemm qabel u wara t-twelid li tgħid hekk:

> "It-tfal jeħtiġilhom ħarsien ukoll speċjali, fosthom il-protezzjoni legali xierqa, kemm qabel u kemm wara t-twelid.".

F'artiklu 7 insibu dritt ta' l-identita` u dritt li sakemm jista' jkun ikunu jafu lill-ġenituri tagħhom u jittrabbew minnhom. Din il-konvenzjoni hija l-ewwel konvenzjoni internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li espressament tinkludi d-dritt li wieħed ikollu identita`. Il-konvenzjoni tistipola wkoll id-dritt li wieħed ikun jaf min huma l-ġenituri tiegħu, imma dan jgħiduh sakemm hu possibbli. F'artiklu 21 insibu kawteli li għandhom jittieħdu f'każ ta' adozzjoni biex dan isir skond l-aħjar interessi tat-tfal.

Iżda wieħed jista' jara li dawn il-prinċipji huma ġenerali. Il-mod kif għandhom jiġu applikati u interpretati jista` jvarja minn pajjiż għal ieħor. Fil-fatt dawn id-differenzi fil-kulturi u fit-tradizzjonijiet hemm riferenza għalihom fil-preambolu li jgħid li –

> "Iqisu l-importanza tat-tradizzjonijiet u l-valuri kulturali ta' kull poplu għall-protezzjoni u l-iżvilupp sħiħ tat-tfal.".

Dan ifisser li kif wieħed jinterpreta ċerti kriterji u ċerta *social constructs,* la ma jmorrux kontra l-prinċipji fundamentali ta' din il-konvenzjoni jistgħu jkunu interpretati skond il-kultura tal-pajjiż. Wieħed jinnota li għalkemm il-familja msemijja bħala kunċett m'hemmx defininzzjoni *full* ta' x'inhi "familja" bħalma m'hemmx indikazzjoni preċiża u eżatt meta tista' tgħid li tapplika dawn id-drittijiet qabel it-twelid. Dawn il-punti kontraversjali dejjem għandhom jiġu interpretati b'mod li jiġu rispettati l-prinċipji fundamentali ta' din il-konvenzjoni.

Aħna hawnhekk qed niddiskutu r-ratifika ta' l-Oviedo Convention u t-tfassil ta' liġijiet jew regolamenti fil-qasam ġenetiku tal-proċeduri riproduttivi artifiċjali. Il-prinċipji tal-konvenzjoni tad-drittijiet tat-tfal jitlobu fuq il-livell ta' deċiżjonijiet, impenn mill-istat u minn adulti li għandhom relazzjonijiet mat-tfal. Dan ma jfissirx li r-risposta ta' l-istat għandha tkun f'kull każ tkun dik li jgħaddi leġislazzjoni. Hemm miżuri oħra li jistgħu u li għandhom jittieħdu.

Fejn għandhom x'jaqsmu l-ġenituri, l-impenn tagħhom ma jistax jiġi regolat b'mod strett u b'liġijiet u penali ħlief f'każi ta' abbuż serju. Iżda fejn fuq livell ta' deċiżjonijiet serji għandu x'jaqsam l-istat u fejn id-deċiżjonijiet ta' l-istat jaffettwaw b'mod serju l-ħajja tat-tfal, dan għandu jiġi regolat u moniterjat b'mod trasparenti u ġust. F'dawn il-każijiet il-liberta` u l-awtonomija tal-ġenituri u ta' l-

istat ma jistgħux jitqiegħdu fuq l-istess livell allavolja kemm il-ġenituri u kemm l-istat huma obbligati li jirrispettaw kull dritt li għandhom it-tfal.

Din id-distinzjoni tista' tgħin biex nifhmu kif meta jaġixxi l-istat, il-kostrizzjonijiet legali li jinħolqu minn dawn id-drittijiet tat-tfal huma wisq aktar ristrinġenti, iżda fuq livell mroali l-kostrizzjonijiet huma l-istess. Jiġifieri l-istat irid jgħaddi leġislazzjoni bid-diffikultajiet kollha li dan jimplika. Il-ġenituri ma jagħmlux liġi bħalma jagħmel l-istat, imma huma l-ewwel livell fil-protezzjoni tat-tfal u għandhom l-obbligi morali li joħorġu minn din ir-relazzjoni.

Dawn il-prinċipji jistgħu jiġu applikati għall-*issues* li ġew diskussi b'dan il-mod:

<u>1. Prokreazzjoni  Assistita.</u>

Id-dritt li wieħed jiżżewweġ u jifforma familja kif insibuha f'bosta dokumenti internazzjonali mhux ikkontestat, iżda bħalma joħroġ ċar mill-konvenzjoni tad-drittijiet tat-tfal, it-tfal għandhom dritt jitrabbew f'familja u li jkollhom ġenituri responsabbli. Illum l-ideat ta' responsabbilta` ta' ġenituri, u mhux biss id-drittijiet tal-ġenituri, ħadet preċedenza fuq konsiderazzjonijiet oħra. It-tfal darba kienu jitqiesu bħala proprejta` tal-ġenituri, iżda llum l-aħjar interessi tat-tfal huma konsiderazzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-liġijiet u strutturi oħra li għandhom x'jaqsmu mat-tfal. Wieħed jista' jsostni li l-interess jew il-bżonn ta' l-indivdiwu li jkollu t-tfal huwa ristrett moralment minn konsiderazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-interessi tat-tfal li wieħed se jipprokrea. L-idea ta' responsabbilta` tal-ġenituri hija integrali għal kif wieħed għandu jifhem ir-relazzjoni bejn ġenituri jew kwalunkwe individwu li jkollu kura u kustodja tat-tfal u t-tfal. Nistgħu ngħidu allura li dan il-kunċett hekk fundamentali ta' responsabbilta` jista' jillimita l-*options* ta' l-istat f'dan ir-rigward fejn fuq livell ta' deċiżjonijiet, l-istat ikun *a main actor*.

Dawn il-limiti m'humiex assoluti iżda huma relattivi. Huma relattivi għal bosta raġunijiet li fosthom insibu limiti imposti minn strutturi legali u mill-*policies* tal-pajjiż li għandhom x'jaqsmu mat-tfal u mal-familja. Mela nistgħu neżaminaw tliet punti f'dan ir-rigward.

Mela nistgħu neżaminaw tliet punti f'dan ir-rigward. L-ewwel punt ma tantx huwa kotnroversjali. Dan hu jekk l-istat għandux jipprovdi servizzi ta' prokreazzjoni assisstita u jekk dawn għandhomx jiġu regolati b'xi mod. Dan il-proċess għandu jingħata iżda għandu jiġi ppreċedut b'liġijiet jew regolazzjonijiet li hemm bżonn biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tat-tfal. Dawn bażikament huma li t-tfal għandu jkollhom trobbija tajba fi ħdan il-familja u li t-tfal għandhom id-dritt għal identita`. Barra minn hekk m'għandhomx jiġu ffertilizzati aktar embrijoni minn dak li huwa medikament indikat li għandhom jiġu mplantati fl-omm għall-aħjar interessi tat-tfal. Jekk għal xi raġuni mhux prevedibbli dawn l-embrijoni ma jkunux jistgħu jiġu impjantati, dawn jistgħu jiġu ffriżati sakemm jiġu wżati jew sakemm imutu mewta naturali għal raġunijiet mhux prevedibbli.

It-tieni punt huwa lil min jista' jingħata dan is-servizz. Hawnhekk se nidħlu fl-kumplikazzjonijiet li nħolqu meta hemm bżonn ta' distinzjoni bejn obbligi morali u obbligi legali. Jien m'iniex se nidħol fil-moralita` jew fl-obbligi moral ta' l-individwu. Dak li jikkonċernani hu kif għandu jaġixxi l-istat bħala *decision maker* f'dan ir-rigward. L-istat huwa ffaċċat b'żewġ settijiet ta' interessi li hu jrid jipprioritizza bejn l-interess ta' l-individwu li jġib it-tfal fid-dinja u l-interessi tat-tfal infushom li se jitwieldu. Aħna rridu naraw kif l-aħjar se napplikaw id-drittijiet tat-tfal ġo pajjiżna u jibqa' kunċett relattiv. Jekk jien se ngħid li fl-aħjar interessi tat-tfal fiċ-ċirkostanzi ġenerali u legali tal-pajjiż tagħna huwa aktar desiderabbli li dan is-servizz jiġi provdut lil ċerti koppji miżżewġin, dan m'għandux jiġi interpretat li jekk dan is-servizz jiġi estiż aktar dan se jkun

ħażin. Le. Dan ifisser li dan se jkun inqas desiderabbli jew inqas jirrispetta l-aħjar interessi tat-tfal.

Għaliex qed ngħid li ċerti koppji miżżewġa għandhom jingħataw dan is-servizz? Jien qed ngħid hekk għaliex għalkemm fil-ġurnata tal-lum li tkun miżżewweġ ma jfissirx li inti se tkun ġenitur aħjar jew li għandek stabbilita` aktar minn koppji oħra stabbli, il-qafas tal-liġijiet tagħna u tal-*public policy* tagħhom huma mfassla fuq il-konċett ta' familja miżżewġa. Dan li qed ngħid qatt m'għandu jiġi interpretat li ulied li jitwieldu barra miż-żwieġ għandu jkollhom inqas drittijiet jew li għandhom inqas dinjita` jew li għandhom inqas responsabbilta` lejhom il-ġenituri. Jien m'iniex qed nagħmel *value statement*, jien biss qed nagħmel diskrizzjoni tal-pożizzjoni ġo pajjiżna u mhux qed ngħid jekk dan huwa kif għandu jkun jew kif m'għandhomx ikunu l-affarijiet. Dan mhux il-punt jew l-interess tiegħi. Jien żidt li ċerti koppji biss jistgħu jingħataw dan is-servizz, jiġifieri dan għandu jiġi regolat għaliex f'dan il-każ l-istat huwa *decision maker* u l-obbligi tiegħu m'humiex obbligi morali iżda obbligi legali.

It-tielet punt jikkonċerna d-donazzjoni ta' sperma jew ta' *ova*. Hawnhekk jidħlu l-prinċipji ta' identita` tat-tfal u l-parentela tat-tfal. Li jkollok anonimita` ta' *donor* mhux aċċettabbli. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom dawn il-konsiderazzjonijiet fost oħrajn:

> Id-dritt li tkun taf minn fejn ġejt, *one's origins*. Għandek tkun taf l-identita` tiegħek jew inkella tħossok mingħajr *roots*.
>
> L-interess li tkun taf il-*medical history* tiegħek biex tevita l-possibilta` ta' żwieġ ma' min jiġi minnek fil-viċin.

Dawn il-konsiderazzjonijiet speċjalment l-ewwel waħda, wasslu għal dubji serji f'pajjiżi oħra fejn din il-proċedura ilha ssir u l-anonimita` m'għandhiex ikkonsidrata fl-aħjar interess tat-tfal. Din id-donazzjoni ta' gameti jinvolvi wkoll li jidħlu terzi persuni fiż-żwieġ, jiġifieri l-persuna li tkun l-omm jew il-missier bioloġiku tat-tfal. X'inhi l-pożizzjoni ta' din il-persuna? Jistgħu jeżistu konflitti ta' interessi? U liema minnhom se jirbaħ?

<u>2. *Cloning*, testijiet ġenetiċi u riċerka fuq l-embrijoni.</u>

Fir-rigward tar-riċerka l-prinċipju fundamentali huwa r-rispett lejn il-ħajja umana u d-dinjita` tal-ħajja umana. Il-ħajja tat-tarbija qabel it-twelid trid tiġi mħarsa l-ewwel u qabel kollox. Il-*cloning* għal skopijiet riproduttivi jmur kontra l-invjolabbilta` u l-integrita` tal-persuna. Il-*cloning* għal skopijiet terapewtiċi għandu jsegwi l-istess prinċipji li jiggwidaw ir-riċerka fuq l-*embryo*. Bl-istess mod wieħed ma jistax jaċċetta li jsir testjar ġenitiku fuq embrijoni qabel l-impjantazzjoni sabiex jagħżlu dawk l-aktar ġenetikament b'saħħithom billi dan jinvolvi proċess diskriminatorju u jista' jinkludi l-qerda ta' embrijoni li jkunu fertilizzati imma li ma jkunx hemm bżonnhom. Iżda testijiet għal skopijiet ta' terapija li jsiru fl-aħjar interessi tat-tarbija huma ħaġa li tirrispetta d-drittijiet tat-tfal.

3. Il-konvenzjoni tal-bioetika ta' Oviedo għandha fil-fehma tiegħi u għal raġunijiet li semmejt tiġi ratifikata. Din ir-ratifika ġġib magħha l-ħtieġa li jsiru aġġustamenti neċessarji fil-liġijiet tagħna biex dawn jimxu id f'id mal-prinċipju ta' l-istess konvenzjoni. Jien naqbel ma' dawk li jemmnu li l-indħil ta' l-istat u l-emendi fil-liġi jkunu l-inqas possibbli. Il-liġi li tirregola l-bioteknoloġija għandha tkun waħda bażika. Għandhom jingħataw il-proteri neċessarji lill-awtoritajiet kompetenti biex dawn ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet u jattwaw il-prinċipju tal-konvenzjoni fil-ħajja Maltija.

**THE CHAIRMAN:** Nirrngrazzjak. Hawn domandi? L-Onor. Micahel Asciak.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Il-liġi ta' l-adozzjoni f'Malta tgħidlek li koppja

miżżewġa tista' tadotta tarbija, mhux embrijonu, pero' koppja li qed tikkoabita ma tistax tadotta tarbija. Imbagħad mil-lat l-ieħor individwu li mhux miżżewweġ, *single person,* dak jista' jadotta tarbija. Ovvjament jekk ipoġġi wara li jodottha, dik m'hemmx *safeguard* fuqha. Ma tarax daqsxejn anomalilja f'dan kollu?

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Jien nixtieq li qabel ma nagħmlu *parallels* bejn adozzjoni u *assisted fertilisation* nagħmel distinzjoni waħda. Hemm il-bżonnijiet tat-tfal u l-bżonnijiet tal-ġenituri. L-adozzjoni aħna qed inħarsu lejha primarjament biex naraw x'inhuma l-bżonnijiet tat-tfal. Il-bżonnijiet tat-tfal diġa` qegħdin hemm biex ikollhom familja. *It's meeting the needs of the children first,* mentri fl-*assisted fertilisation* hemm il-bżonn ta' adulti li jkollhom it-tfal. Allura l-i*starting point* diġa' hija differenti. Meta persuna mhux miżżewġa tadotta t-tfal, l-interess m'huwiex tal-persuna imma huwa tat-tfal. Li dik it-tifla tittrabba minn *a single parent,* l-interess li jkun qed jitqies mhux tas-*single parent*, imma huwa l-interess tat-tfal.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Pero` fir-rigward ta' l-*adoption* mhux it-tfal jistaqsu għall-*adoption.* Huma l-ġenituri li jistaqsu għall-*adoption.* Inti ridt tagħmel distinzjoni bejn *adoption* ta' *frozen embryo* u *adoption normali.*

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Mhux għall-*frozen embryo* qed ngħid jien. Lili ma staqsejtnix fuq *adoption* ta' *embryo.* Għandi risposta oħra fuq hekk.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Jiġifieri inti tara distinzjoni bejn *adoption* ta' tfal u *adoption* ta' *frozen embryo*?

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Inti qed tistaqsi jekk hemmx differenza bejn *adoption* tat-tfal u *adoption* ta' *assisted reproduction.*

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Qed ngħid *frozen embryo* li għalija …..

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Hemmhekk m'hemmx distinzjoni għaliex hemmhekk diġa` għandek *a child* jekk diġa' bidet il-ħajja. Imma bejn *adoption and assisted reproduction* hemm differenza għax meta inti tagħmel l-*adoption* min jiġi *screened,* it-tfal jew il-*parents?* Fl-*adoption* fl-antik ma kienx hekk, kienu jsiru *ad hoc adoptions,* imbagħad irrealizzaw li għandhom jirregolaw l-*adoption* mhux biex it-tfal jiġu adottati għall-interessi tal-ġenituri, biex ikun hemm tfal skond ix-xewqat tal-ġenituri. Anzi iktar ma jkun hemm tfal li f'idea tas-soċjeta' sfortunatment ma jkunux *ideal* li jiġu *adopted* iktar naraha sabiħa. L-*adoption screening* isir fuq in-naħa tal-ġenituri u mhux fuq in-naħa tat-tfal. Skond il-konvenzjoni, it-tfal għandhom jitrabbew fi ħdan il-familja, f'atmosfera ta' mħabba. *Adoption is meeting the needs of the children.*

**THE CHAIRMAN:** Hawn iktar domandi? L-Onor. Asciak.

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Jien nara li hawn daqsxejn ta' anomalija li *cohabiting couple* ma tistax tadotta u *single person* jista' jadotta u m'għandekx garanzija li dan is-*single person,* hu min hu, se jikkoabita. Jista' jiżżewweġ pero` jista' jikkoabita wkoll.

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Imma fl-*adoption* m'hemmx dubju li l-aħjar interessi tat-tfal jiġu l-ewwel u qabel kollox.

**THE CHAIRMAN:** Ippermettili. Għaliex l-interess tat-tfal huwa iktar interess li jkun f'idejn *single parent* milli f'idejn *cohabiting couple*?

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Aħna mhux dak li qed niddiskutu hawn.

**THE CHAIRMAN:** Le, imma dik hija d-domanda ta' l-Onor. Asciak. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICHAEL ASCIAK:** Imma jien qed nistaqsi dan għaliex dan jista' jwassal l-istat biex jiddeċiedi għaliex jħallix *in vitro fertilisation* issir jew mill-miżżewġin biss jew mill-*cohabiting couple* ukoll. L-istat jista' jgħid li *in vitro fertilisation* għandha ssir biss minn nies miżżewġin, pero' jista' wkoll jagħti jgħid ukoll li *cohabiting couples* li huma stabbli jingħataw l-*option* li jagħmlu l-*in vitro fertilisation.*

**THE CHAIRMAN:** Onor. Asciak, naħseb li għal dan li qed tgħid diġa`, b'xi mod, tat risposta meta qalet li f'*adoption* is-sitwazzjoni diġa` qiegħda hemm u din qed toħloqha inti.

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Fl-*adoption* inti qed tagħti ġenituri lit-tfal mentri fl-*assisted reproduction* qed nagħtu t-tfal lill-ġenituri. Hemm differenza.

**THE CHAIRMAN:** L-Onor. Abela.

**ONOR. JOE ABELA:** Jekk fhimtek sewwa inti għedt li l-Ġnus Magħquda ma tagħtix definizzjoni għall-kelma "familja", pero` fl-istess ħin għedt ukoll li huwa dritt fundamentali tat-tfal li jsiru jafu l-oriġini tagħhom.

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Iva. Huwa ħafna importanti li t-tfal ikollhom l-identita` tagħhom.

**ONOR. JOE ABELA:** Il-kelliema li kien hawn qablek meta kienet qed tispjega qaltilna li ovvjament hemm diversi modi ta' kif jiġu regolati *sperm banks* biex ovvjament ikun hemm l-*in vitro fertilisation.* Qalet ukoll li meta daħlet ir-regolamentazzjoni biex id-*donors* jiġu reġistrati, id-*donors* naqsu ħafna.

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Iva. U nbidlet il-*profile* tad-*donors* ukoll.

**ONOR JOE ABELA:** Jiġifieri qed nifhem jien li f'diversi pajjiżi ma ssirx reġistrazzjoni tad-*donors* għax hemm regolamentazzjoni differenti. Kif tarah il-kuntest ta' *in vitro fertilisation* fis-sens ta' nies li teknikament qed jadottaw *embryo* - qed jiżviluppaw *embryo* ffrizat ġo fihom - u dak it-tifel qatt m'hu se jkun jaf l-oriġini tiegħu?

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI**: Jekk *embryo* diġa` qiegħed hemm, dak jiġi bħala *adoption.* Imma kif għedt qabel dak mhux inti qed tikkreah, l-*embryo* diġa' qiegħed hemm iffriżat u mhux użat. Allura f'dak il-każ l-anonimita` ma tistax tevitaha.

**ONOR. JOE ABELA:** Jien qed nispjegalek sitwazzjoni fejn għandek nies qed imorru jagħmlu *donation* ta' l-i*sperm* jew ta' l-*ovum* tagħhom u ovvjament qed ikollok *frozen embryos* li *as such* l-oriġini tagħhom mhux bilfors tkun taf min hu l-missier u mhux bilfors tkun taf min hija l-omm.

**MS. MARIAN MUSCAT AZZOPARDI:** Eżatt. Jien għalhekk għedt li nsib diffikulta` li *donation* ta' *embryos* anonimi. Jien bdejt minn dak il-punt.

**THE CHAIRMAN:** Jidher li m'hawnx iktar domandi. Għal-lum nistgħu niefqu hawn. Nirringrazzja lil Dr Ruth Farrugia, lil Ms Marian Muscat Azzopardi u lil Dr Paul Vassallo Agius għall-interventi tagħhom u naġġorna l-Kumitat għal nhar it-Tnejn, 14 ta' Marzu, 2005 fis-6.30 p.m. bl-istess aġenda.

*Fit-8.30 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu, 2005 fis-6.30 p.m. b'din l-aġenda:-*

Il-Bioteknoloġija f'Malta u d-Drittijiet tal-Bniedem (Kontinwazzjoni) - Preżentazzjoni minn Fr. Edgar Busuttil SJ.